MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 101/2003

**Registratur tal-Qrati.**

**vs.**

**Global Executive Search (Malta) Limited, u Ondine Gaerty.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur datata 31 ta’ Jannar 2003 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi b’rikors tat-8 ta’ April 2002 (Dok. “A”), ir-rikorrenti Paul Caruana talab lil din l-Onorabbli Qorti biex tordna lill-attur

jibda proceduri ghal disprezz tal-Qorti kontra l-konvenuti, minhabba illi:

1.1 Fil-atti tal-mandat ta' qbid numru 477/2001 ta' l-20 ta' Frar 2001, fl-ismijiet "*Paul Caruana vs Global Executive (Malta) Limited"* (Dok. "B"), din il-Qorti, b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2001 (Dok. "C") wara talba ta' l-istess rikorrent tas-16 ta' Ottubru 2001 (Dok. "D"), kienet awtorizzat lill-Marixxall tal-Qorti biex jeleva l-oggetti maqbuda b'dak il-mandat;

1.2. Izda meta marixxalli tal-Qorti marru biex jelevaw l-oggetti fl-indirizz fir-Rabat u f'Burmarrad, huma kienu mfixkla fil-qbid ta' dmirijiethom minn rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u minn Ondine Gaerty, tant illi ma setghux jelevaw u ghamlu riferta f'dan is-sens (Dok. "E").

1.3. Ir-rikorrent kompla qal illi dan l-agir tal-konvenuti jammonta ghal oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-mandat imsemmi bi ksur ta' l-**artikoli 70 u 279 tal-Kap 12,** u li minhabba dan ir-rikorrenti kien qed isofri pregudizzju serju, peress illi l-oggetti maqbuda huma l-uniku mezz ta' ezekuzzjoni tal-kreditu konsiderevoli tar-rikorrent, li, fin-nuqqas ta' ezekuzzjoni, id-drittijiet tieghu kienu ser jigu eluzi rrimedjabbilment.

1.4. Minhabba dan, ir-rikorrent talab lill-Qorti li jittiehdu passi kontra l-konvenuti ghall-disprezz tal-Qorti skond l-**artikolu 1003A tal-Kap 12.**

2. Illi din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti b'digriet moghti fl-10 ta' April 2002 (Dok. "F").

2.1. Konsegwentement l-attur qieghed jaghmel din il-kawza kontra l-konvenuti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarahom responsabbli ghal disprezz tal-Qorti skond **Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap 12);**

2. Issibhom hatja ta’ dan id-disprezz;

3. Tikkundannhom ghal disprezz tal-Qorti skond l-istess Kap 12.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma msejha wkoll ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-Registratur tal-Qorti Charles Micallef a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 u 15 tal-process indikati minn Dok. “A” sa Dok. “F”.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 16 ta’ Settembru 2003 a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti ma wettqu ebda disprezz u ma kien hemm ebda ksur ta’ l-artikoli citati fic-citazzjoni relattiva u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 21 sa 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri tal-25 ta’ Novembru 2003 a fol 24, fejn deher Dr Victor Zammit ghall-attur u Dr Lennart Deqasquale ghal konvenuti. Il-Qorti ordnat lill-attur sabiex sal-25 ta’ April 2004 jipprezenta l-affidavits tieghu u tax-xhieda minnu ndikati, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghal prezentata ta’ l-affidavit ta’ l-attur ghat-23 ta’ April 2004; tat-23 ta’ April

2003; tat-2 ta’ Gunju 2004; tat-13 ta’ Ottubru 2004 fejn deher Dr Aaron Bugeja ghar-Registratur attur. Xehdu l-Marixxall **Karmenu Xuereb** (fol 31), il-Marixxall **Reno Bezzina** (fol 32) u **Paul Caruana** (fol 34) ilkoll prodotti mill-attur. Deher ukoll Dr. Lennart Depasquale ghall-konvenuti. Il-kawza giet differita ghad-19 ta’ Novembru 2004 ghall-konkluzjoni tal-provi ta’ l-attur; tad-19 ta’ Novembru 2004 (fol 36) fejn deher Dr Aaron Bugeja ghall-attur u Dr Lennart Depasquale ghall-konvenuti. Dehret ukoll il-konvenuta Gaerty. Gie pprezentat affidivit *da parte* ta’ l-attur ta’ **Kenneth Azzopardi**, li ddikjara li kien jonqos biss biex ittellgha xhud, lix-xhud Kenneth Azzopardi. Dr Depasquale rtira kopja ta’ l-affidavit. Il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Jannar 2005 ghal provi ta’ l-attur; tal-11 ta’ Jannar 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-konvenuta Gaerty. Xehed **Albert Portelli** Registratur tal-Qorti (fol 40) u pprezenta dokument mmarkat bhala Dok “AP”. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Frar 2005 ghall-provi ta’ l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri tat-22 ta’ Frar 2005 a fol. 62 tal-process fejn deher Dr. Lennart Depasquale ghas-socjeta’ konvenuta u Dr. Aaron Bugeja ghall-attur. Dehret ukoll il-konvenuta Ondine Gaerty. Xehdu **Kenneth Azzopardi** (fol 63 sa 76) prodott mill-attur, il-konvenuta **Ondine Gaerty** (fol 77 sa 83) u **Astrid Farrugia** (fol 84 u 85) li pprezentat zewg dokumenti, *‘good standing certificate’* mmarkat bhala Dok. “Y1” a fol 86, u kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta’ ‘Global Executive Search Malta Limited’, immarkat bhala Dok. “Y2” u jinsab minn fol 87 sa 254. Il-kawza giet differita ghas-19 ta’ April 2005 ghall-konkluzjoni ta’ l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-19 ta’ April 2005 a fol 257, fejn deher Dr Lennart Depasquale ghan-naha konvenuta rapprezentata minn Ondine Gaerty. Ma deher hadd min-naha attrici u l-konvenuti ma opponewx ghal differiment. Il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Mejju 2005 ghall-ahhar darba ghall-

provi ta’ l-attur, b’mod li jekk l-attur ma jibqaghlux provi aktar ghandu jinforma lill-Qorti permezz ta’ nota bil-*visto* tal-kontro-parti fi zmien ghaxart ijiem, u ghal eventwalita` provi tal-konvenuti. Il-kawza regghet issejhet aktar tard u deher Dr Lennart Depasquale u Dr Aaron Bugeja li ddikjara li ghalaq il-provi. Il-kawza giet differita ghall-10 ta’ Gunju 2005 ghall-provi tal-konvenuti; tal-10 ta’ Gunju 2005; tal-25 ta’ Ottubru 2005 (fol 260) fejn deher Dr Aaron Bugeja ghall-attur u Dr Lennart Depasquale ghall-konvenuti u dehret il-konvenuta. Dr Depasquale pprezenta l-affidavit ta’ **Ondine Gaerty** flimkien ma’ zewg dokumenti (fol. 262 sa 280) mmarkati bhala Dok. “OG1” u Dok. “OG2” rispettivament u ta kopja lill-kontro-parti li giet irtirata *seduta stante.* Il-konvenuti ddikjaraw li ghalqu l-provi u l-kawza giet differita ghat-18 ta’ Jannar 2006 ghall-kontro-ezami da parti ta’ l-attur.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta datata 18 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-23 ta’ Frar 2006 a fol 282 tal-process fejn deher Dr Aaron Bugeja ghall-attur u l-konvenuta Ondine Gaerty u Dr Lennart Deapsquale ghall-konvenuti. Id-difensuri ddikjaraw li l-provi jinsabu maghluqa u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta’ Mejju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk kif presjeduta tad-9 ta’ Mejju 2006 (fol 283) fejn dehru Dr Aaron Bugeja ghall-atturi u Dr Lennart Depasquale ghall-konvenuti. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo ghat-28 ta’ Gunju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn qed jigi allegat li rappresentant tas-socjeta' konvenuta u l-konvenuta Odine Gaerty kkomettew disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti meta f'Jannar 2002 meta l-Marixxalli tal-Qorti marru fil-fondi "Dar il-Hena", 15, Tan-Nadur Road, Dwejra, Rabat Malta u fil-Moonlight Hall, Triq l-Insolja, Burmarrad, sabiex jesegwixxu l-inkarigu taghhom bhala ufficjali tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 477/2001 fl-ismijiet "Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited" u konsengwenti ghall-digriet datat 17 ta' Ottubru 2001 sabiex issir l-elevazzjoni ta' l-oggetti hekk maqbuda fl-istess mandat ta' qbid (wara rikors opportun datat 16 ta' Ottubru 2001 minn Paul Caruana), l-istess imsemmija persuni ostakolaw lill-Marixxalli milli jipprocedu bl-esekuzzjoni ta' l-istess Mandat u dan kontra l-provvedimenti ta' l-**artikolu 70 (2) u 279 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dwar dan l-istess attur esebixxa d-dokumenti kollha relattivi mac-citazzjoni attrici nkluza r-riferta tal-Marixxalli Carmel Xuereb u Nazzareno Bezzina datata 4 ta' Jannar 2002 u li tinsab esebita bhala Dok. "E" a fol. 14 tal-process. Din ir-riferta giet ikkonfermata mill-istess Marixxalli Karmenu Xuereb u Reno Bezzina fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2004.

Illi fil-fatt mill-istess xhieda ta' Reno Bezzina (fol. 32) jinghad li meta kienu Burmarrad il-konvenuta Ondine Gaerty qaltlu li:-

*"minn hawn ma' tmiss xejn. Meta rajna li ma kenitx se thallina nelevaw l-oggetti ahna ma ghamilna xejn aktar u morna l'hemm. Imbaghad wara li morna ghamilna ir-riferta illi tidher a fol. 14 tal-process u li qed nikkonferma il-kontenut taghha"*

Illi dawn l-avvenimenti inkluz l-agir tal-konvenuta gew ikkonfermati mix-xhieda ta' Kenneth Azzopardi li kien indikat bhala konsennatarju mill-allegat kreditur u dan kif jidher mill-affidavit tieghu datat 16 ta' Novembru 2004 a fol. 38 tal-process u wkoll fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Frar 2005 (fol.63). Jirrizulta mid-dokumenti esebiti li l-konvenuta u Ronald Gaerty huma azzjonisti u diretturi tas-socjeta' konvenuta.

Illi l-konvenuti ecceppew li ma wettqu ebda disprezz u ma kien hemm ebda ksur ta' l-artikoli citati fic-citazzjoni relattiva u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez. Fil-fatt id-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta' eccezzjonijiet hija mahlufa minn Ondine Gaerty a fol. 21 tal-process fejn tghid li huma qatt ma kellhom l-ebda intenzjoni li jiddisprezzaw l-ordni tal-Qorti jew li ma jobdux il-ligi; il-mandat in kwistjoni kien wiehed li hija sejhet bhala wiehed minn diversi mandati kawtelatorji li kienu vessatorji u li whud minnhom gew revokati; tghid li fil-mument tat-tieni esekuzzjoni l-konvenuti kienu informaw lill-Marixxall illi skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 291 tal-Kap 12** huma xtaqu jinnominaw konsenjatarju, izda l-Marixxall irrifjuta u baqa' jinsisti li kellha ssir l-elevazzjoni. Tghid li l-oggetti fil-fond ta' Burmarrad kienu gja maqbuda b'mandat iehor numru 2308/99, waqt li fir-Rabat hadd mill-konvenuti ma kien prezenti; hija tghid li agixxiet fuq struzzjonijiet ta' Ronald Gaerty bhala direttur tas-socjeta' konvenuta. B'rikors datat 4 ta' Jannar 2002 is-socjeta' konvenuta talbet li tahtar hija konsennatarju u dan fl-atti tac-citazzjoni 354/01/JRM u fit-2 ta' Lulju 2002 pprezentat rikors ghar-revoka ta' l-istess mandat ta' qbid numru 477/01.

Illi meta xehdet il-konvenuta qalet li hija qalet lill-Marixxalli li l-affarijiet kienu gja maqbuda b'mandat iehor u li hija kellha konsennatorju. Qalet li hija tkellmet ma' l-avukat u dan qalilha sabiex minn hemm ma thalliehom jiehdu xejn. Illi dan hija qalithu fix-xhieda taghha tat-22 ta' Frar 2005 u kompliet hekk:-

*"….fl-ahhar qalli jiena ha neleva u jien ghidtlu, jiena nista' naghmel xi haga biex inwaqqfek, qallu tista' tostakolani. Ghidtlu nista'? Qalli ghandhek kull dritt. Ghidtlu mela jiena ha jkolli nostakolak ghax hawnhekk 20 ruh jahdmu fil-gurnata li kien hemm kumbinazzjoni konna bil-christmas holidays ghadna".*

Illi wara dan ipprezentat l-affidavit taghha datat 25 ta' Ottubru 2005 fejn sostniet li Paul Caruana kien hareg kontra huha Rudolphe Gaerty, missierha u s-socjeta'

konvenuta u kontra taghha ma' l-14 il-mandat kawtelatorju li minnhom tghid li 7 gew revokati; l-Mandat ta' Sekwestru 476/2001 tnehha wara rikors tass-socjeta' konvenuta datat 15 ta' Marzu 2001 li gie decretat fis-16 ta' April 2004, izda li skond hija tnehha biss fit-18 ta' Frar 2005. Tghid li fuq il-mandat in kwistjoni s-socjeta' konvenuta l-ghada fl-4 ta' Jannar 2002 kienet pprezentat rikors ghar-revoka li tghid li ghadu pendenti sallum quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u skond hija ilu hekk differit ghall-digriet kamerali sallum. Tghid li fit-2 ta' Lulju 2002 is-socjeta' konvenuta pprezentat rikors iehor sabiex jigi revokat dan il-Mandat ta' Qbid Numru 477/2001 izda tghid li sallum dan ukoll ghadu pendenti.

Illi dwar l-incident ta' Burammard il-konvenuta tghid li kellmet lill-Marixxalli u qaltilhom li kellha bhala konsinnatarja lill-Margaret Sammut Alessi. Hija tghid li kommunikat ma' l-avukat taghha, infomat lill-Marixxalli b'dan u wkoll li l-oggetti kienu gja maqbuda, izda skond hija l-marixxalli ma hallewhiex tinnomina kunsinnatarju u tghid ukoll hekk:-

*"Jiena ghalhekk staqsejt lill-marixxalli jekk kienx hemm xi haga li stajt naghmel u qaluli li stajt nostakola l-process, u wiehed minnhom qalli li jiena kelli kull dritt naghmel dan. Ghaldaqstant jiena ghidtilhom li mela allura hekk kont se naghmel".*

Illi l-istess konvenuta ghalqet l-affidavit taghha hekk:-

*"Naccerta lill Qorti li jien ma kelli l-ebda intenzjoni li nisfida xi ordni li setghet tat, izda li fl-istess hin jien kelli kull interess li nipproteggi d-drittijiet tieghi, skond ma' toffri l-ligi u kien ghalhekk li jien kont in kuntatt mal-avukati tieghi, biex fil-waqt li nassigura li ma nikser ebda ordni tal-Qrati, nipproteggi drittijiet u dawk tal-ghoxrin impjegat tal-kumpanija, bl-ahjar mod possibbli u dan dejjem fil-parametri tal-ligi.*

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali

taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skond sentenza "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) tali artikoli huma intizi sabiex:-

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi atti minn dawk. F' dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali.*

*Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cioe' l-att li ordinarjament jintuza f' azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12)****.*"

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza **"Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. (CC) 9 ta' Novembru1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi l-proceduri gew inizjati mir-Registratur tal-Qorti wara li gie ordnat jaghmel hekk minn din il-Qorti skond digriet tas-17 ta' Ottubru 2001 u dan a tenur ta' l-**artikolu 1003 A** li jistipula:-

"*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur*."

Illi ghalhekk kif stipulat f'dan l-artikolu, ir-Registratur ghandu jibda proceduri ghal disprezz wara li jkun gie ordnat hekk mill-Qorti u fil-fatt hekk sar f'din il-kawza. Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Anthony Gauci**" (PA 2637/97RCP) deciza fit-23 ta' Marzu 1999 u a skans ta' repetizzjoni taddotta l-istess insenjamenti hemm indikati, konfortati bis-sentenza **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Salvu Psaila et"** (Appell Inferjuri 12 ta' Frar 1996 – LXXX.ii. 1087).

Illi jinghad ukoll li skond l-**artikolu 284 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u ta' Procedura Civili (Kap 12)** hemm provdut illi hadd ma jista' jaghmel oppossizzjoni fl-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid tant li **fl-artikolu 279 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u ta' Procedura Civili (Kap 12**) jipprovdi illi:-

"*Hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni ta' mandat, hlief wara li tkun saret l-ezekuzzjoni*."

Illi huwa ormai stabbilit illi sabiex taghmel din l-opposizzjoni ma huwiex necessarju li wiehed juza' xi vjolenza partikolari, jew ikun aggressiv, izda bizzejjed kull att li jimpedixxi b'xi mod lill-Marixxall Esekutant li jesegwixxi l-ordni moghtija lilu mill-Qorti, u kull forma ta' ostakolu f'dan is-sens iservi ta' opposizzjoni tal-istess ordni u ghalhekk disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti (**"Registratur tal-Qorti vs Paul Zammit et" -** P.A. (RCP) 14 ta' Novembru 2000; "**Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta" -** P.A. (RCP) 18 ta' Ottubru 2000; **"Registratur tal-Qorti vs Salvu Psaila et" -** P.A. JSP. 12 ta' Frar 1996 - LXXX. ii. 1091), **"Registratur tal-Qorti vs Anthony Grech"** - P.A. RCP - 4 ta' Lulju 2000).

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni u sabiex jigi muri b'mod effettiv li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi, u mill-provi prodotti jirrizulta bl-iktar mod car illi l-konvenuta Ondine Gaerty bl-ostakolu li ghamlet lill-Marixxalli, anke wara li ammonew lilha bil-konsegwenzi li tista' ssofri, kienet fil-fatt hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti. F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-

versjoni tal-Marixxalli tal-Qorti Carmel Xuereb u Nazzareno Bezzina hija cara fis-sens li fid-data tat-3 ta' Jannar 2002 meta marru fl-indirizz ta' "Moonlight House", Triq l-Insolja, Burmarrad, il-konvenuta ostakolathom milli jesegwixxu l-ordni tal-Qorti, u dan kompliet taghmlu minkejja li giet avzata bil-konsegwenzi ta' l-istess.

Illi din il-Qorti thoss f'dan il-kuntest li l-versjoni tal-konvenuta ma tirrizultax u apparti li hija kontradetta mix-xhieda kollha prodotta mill-attur, lanqas hija kredibbli u wisq inqas verosimili; anzi mill-kuntest tal-provi jidher u jirrizulta lil din il-Qorti li f'dan il-kaz partikolari f'Burmarrad l-istess konvenuta intenzjonalment ostakolat lill-Marixxalli u ufficjali tal-Qorti milli jesegwixxu l-ordni tal-Qorti u b'hekk f'dan il-kuntest l-azzjoni attrici giet ppruvata fil-konfront tal-konvenuta u dan riferibbilment ghall-incident ta' Burmarrad.

Illi dwar is-socjeta' konvenuta jidher li l-istess konvenuta hija wkoll azzjonista tas-socjeta' konvenuta u direttrici ta' l-istess socjeta' konvenuta u hija kienet ukoll qed tagixxi anke ghan-nom ta' l-istess socjeta', kif hija stess qalet fid-dikjarazzjoni annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Dwar l-azzjonijiet li hija u s-socjeta' konvenuta hadu dwar il-hrug ta' l-istess mandat u anke allegatament ta' mandati ohra dan ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-azzjoni attrici.

Illi minn naha l-ohra dwar il-kaz imsemmi tar-Rabat, mertu wkoll ta' din l-azzjoni attrici, ma jirrizultax minn kienu l-persuni li effetivament ostakolaw lill-Marixxalli u ghalhekk l-azzjoni attrici qed tigi accettata, kif fuq inghad ghal dak li jirreferi biss ghall-kaz ta' Burmarrad.

Illi fid-dawl tal-premess, l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li kontrarjament ghal dak minnhom ecceppiet, l-azzjoni attrici jirrizulta li giet ippruvata u l-agir tal-konvenuta proprju u bhala rappresentanta tas-socjeta' konvenuta fl-incident hawn deskritt jammonta ghall-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' it-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal disprezz ghall-Awtorita' tal-Qorti fit-termini tat-**Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)**; u

2. Tiddikjara lill-konvenuti hatjin ta' disprezz ghall-Awtorita' tal-Qorti fit-termini tat-**Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)**;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti bhala hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti kif hawn deciz sabiex ihallsu solidalment bejniethom multa ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300), u dan bhala piena preskritta mill-ligi fl-istess **Titolu XVII** fuq imsemmi, liema ammont ghandu jithallas mill-konvenuti solidalment bejniethom fi zmien gimghatejn mill-lum fir-Registru ta' din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------